



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2011/2024(INI)

29.9.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-Kwalifiki
Professjonali
(2011/2024(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Milan Cabrnoch

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li l-moviment liberu ta' għadd dejjem ikbar ta' persuni u ta' ħaddiema kkwalifikati ħafna huwa wieħed mill-vantaġġi fundamentali tal-koooperazzjoni Ewropea u ta' suq intern kompetittiv kif ukoll fattur importanti ta' żvilupp tal-ekonomiji tal-UE kollha u dritt li minnu jgawdi kull ċittadin tal-UE; huwa konvint bil-qawwa li l-mobilità tal-ħaddiema għandha tkun imsaħħa fost iċ-ċittadini tal-UE u li l-ostakli indiretti għandhom jiġu eliminati, diment li jinsab bilanaċ bejn il-mobilità u l-kwalità tal-kwalifiki professjonali;
2. Jinkoraġġixxi l-inizjattivi kollha li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-mobilità transfruntiera bħala mezz tal-funzjonament effiċjenti tas-swieq tax-xogħol u bħala mezz biex jiżiedu t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE; jirrikonoxxi l-ħtieġa tal-modernizzazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE, li għandha tiggarrantixxi qafas ġuridiku ċar u msaħħa;
3. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq progress fit-tfassil ta' bażi tad-data unika f'livell Ewropew, li tiġi alimentata mill-Istati Membri, fuq il-profili professjonali mħarsa ġuridikament jew applikati fil-prattika fl-Istati Membri, u din il-bażi tad-data se tintuża minn min ikun qiegħed, mill-ħaddiema, mill-professjonisti, mill-impriżi, mill-awtoritajiet pubbliċi, eċċ., għall-ġid tal-mobilità fi ħdan l-Unjoni;
4. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-effikaċja li biha l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu l-informazzjoni relattiva kemm għad-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll għall-proċeduri ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, b'mod li titrażżan kull burokrazija skoraġġanti fil-kuntest tal-promozzjoni tal-mobilità;
5. Huwa konvint li n-numru ta' professjonijiet regolati jrid jiġi rieżaminat u jista' jitnaqqas gradwalment u li l-ambitu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki għall-professjonijiet il-ġodda jrid ikun rieżaminat u possibbilment imwessa', b'attenzjoni speċjali għas-setturi innovattivi, għas-setturi tal-industrija u tas-servizzi b'valur miżjud għoli, għat-teknoloġiji avvanzati u li joffru potenzjal qawwi ta' tkabbir u għall-industriji diġitali;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bażijiet ambizzjużi fil-qasam tal-validazzjoni tal-kisbiet professjonali għall-ħaddiema kollha, sabiex dawn ikunu jistgħu jiksbu ċertifikazzjoni (diploma, kwalifika bi skop professjonali jew ċertifikat ta' kwalifika professjonali) sħiħa jew parzjali abbażi ta' esperjenza professjonali, b'segwitu għal validazzjoni minn kumitat tal-għarfien u tal-kompetenzi miksuba;
7. Huwa konxju tal-ħtieġa li jiġu adottati inizjattivi ulterjuri fil-qasam tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali peress li, minkejja li sar progress notevoli, il-kontenut tat-taħriġ professjonali fid-diversi Stati Membri għadu ma laħaqx livell ta' konverġenza sodisfaċenti;

8. Jikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni partikolari, fil-livell Ewropew, għall-użu ta' passaport tal-kompetenzi li jkun jista' jiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema u joħloq sistemi edukattivi aktar konverġenti sabiex jintlaqgħu aħjar l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol;
9. Jenfasizza li r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali hu marbut mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-proċess ta' Bolonja intiż li jinħoloq spazju Ewropew tal-edukazzjoni ogħla;
10. Jenfasizza li l-Istati Membri jridu jżommu d-dritt li jxekklu r-rikonoxximent awtomatiku ta' persuni bi kwalifiki inadegwati fi kwalunkwe waqt billi jimponu miżuri ta' kumpens;
11. Jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw aħjar is-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni formali u informali sabiex joħolqu forza tax-xogħol futura li jkollha kwalifiki komparabbli li jistgħu jkunu ta' għid għal suq tax-xogħol Ewropew u li jistgħu jtejbu l-livelli ta' produttività u l-imġiba kompetittiva;
12. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta sistema Komunitarja ta' validazzjoni tal-kisbiet professjonali, billi tiegħu bħala mudell ta' referenza s-sistema universitarja baċċellerat-master-dottorat, sabiex is-suq tax-xogħol isir aktar leġġibbli għal min jimpjega u jsir aktar aċċessibbli għal min qed ifittex xogħol, li b'hekk ikunu jistgħu jirreferu għal bażi ġuridika unika;
13. Jitlob lill-Kummissjoni li ttejjeb ulterjorment u tuża b'mod xieraq is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), sabiex ikun hemm sistema elettronika ċentralizzata u interoperabbli tal-professjonijiet regolati li tkun trasparenti u faċilment aċċessibbli għall-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, għall-assoċjazzjonijiet professjonali u għall-partijiet interessati xierqa bħal, pereżempju, l-imsieħba soċjali, waqt li tissalvagwarda l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà;
14. Jappella għal aġġornament tal-lista tal-attivitajiet u għall-eżami tar-regoli dwar ir-rikonoxximent awtomatiku floqsmha speċifiċi, pereżempju fil-qasam tal-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija u li tissaħħaħ is-sħubija soċjali fis-settur tat-taħriġ professjonali u tal-edukazzjoni ogħla; iqis li l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) jista' jipprovdi xi kriterji f'dan ir-rigward;
15. Jenfasizza l-ħtieġa ta' taġlim tul il-ħajja, tal-perfezzjonament permanenti u tat-taħriġ kontinwu; jiġbed l-attenzjoni għall-problemi li joħloq, fil-professjonijiet regolati, ir-rikonoxximent tat-taħriġ miksub fi Stat Membru ieħor;
16. Jitlob li t-taħriġ kontinwu jitqies aktar fid-Direttiva 2005/36/KE;
17. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessanti kkonċernati kollha jikkooperaw b'mod aktar effikaċi bil-għan li jiżviluppaw standard komuni għar-reġistrazzjoni li jstabbilixxi liema professjonijiet għandhom ikunu regolati u l-mod kif dan isir kif ukoll jaġevola l-użu ta' din is-sistema billi jorbtuha man-netwerk EURES;
18. Huwa konvint li għandu jkun hemm reġistru obligatorju, li għandu jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha fl-Istati Membri, biex ikun jista' jsir il-monitoraġġ ta' persuni li l-liċenzja professjonali tagħhom tkun ġiet revokata f'xi Stat Membru; jenfasizza

li interkonnessjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej u partikolarment estensjoni u utilizzazzjoni xierqa tas-sistema IMI, li tkun tinkludi mekkaniżmu ta' twissija proattiva, jistgħu jkunu soluzzjoni u jsaħħu l-fiduċja tal-awtoritajiet u taċ-ċittadini fil-konfront tas-sistema;

19. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni fil-Green Paper tagħha biex jiġi introdott mekkaniżmu ta' twissija IMI għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jaqsmu l-informazzjoni rigward il-professjonisti tas-saħħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jkollhom id-dmir li jinfirmaw lil xulxin minnufih u b'mod proattiv meta tittieħed azzjoni regolatorja kontra reġistrazzjoni ta' professjonisti tas-saħħa jew id-dritt tagħhom li jipprovdu servizzi;
20. Jemmen li l-ittestjar tal-lingwa sistematiku ma għandux ikun piż fuq il-professjonisti barranin li jixtiequ jaċċedu għas-swieq tax-xogħol u għalhekk jitlob approċ pragmatiku għat-testijiet tal-lingwa, fejn ir-rikonoxximent huwa possibbli mingħajr prova tar-rekwiżiti tal-lingwa; huwa tal-fehma, madankollu, li min iħaddem irid ikun jista' jimponi u jittestja l-livelli minimi ta' għarfien tal-lingwa meħtieġa għall-qadi ta' attivitá speċifika u fl-istess waqt, jemmen li għandha tingħata iktar importanza lir-regoli tal-lingwa applikabbli għal professjonisti fis-settur tas-saħħa li għandhom kuntatt dirett mal-pazjenti;
21. Jappoġġa inizjattivi li għandhom l-għan li jadattaw sistemi ta' taħriġ għar-rekwiżiti attwali tas-suq tax-xogħol, il-progress xjentifiku u tekniku, il-kjarifika u l-unifikazzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' edukazzjoni u taħriġ kif ukoll it-titjib tas-sistema ta' notifika u l-inklużjoni ta' speċjalitajiet ġodda fid-Direttiva;
22. Jemmen li hu kruċjali li min jiggradwa għandu jkun ippreparat aħjar biex iwieġeb għar-rekwiżiti tas-swieq tax-xogħol, u għalhekk jappoġġa l-idea tal-estensjoni tal-vantaġġi tad-direttiva għal dawk li jiggradwaw u jixtiequ jqattgħu perjodu ta' żmien f'esperjenza Prattika monitorjata u mħallsa fil-professjoni barra pajjiżhom;
23. Jappella għas-semplifikazzjoni ġenerali, titjib tal-effikaċja u aktar trasparenza tal-proċessi amministrattivi involuti u għal tnaqqis tal-ispejjeż sabiex ikun faċilitat u mħaffef ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali kif ukoll li ma jkunx imxekkel il-moviment liberu ta' persuni; jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw it-twaqqif ta' mekkaniżmi operattivi ta' koordinament, kontroll u rieżami;
24. Jirrikonoxxi l-vantaġġi possibbli tal-introduzzjoni tat-Tessera Professionali Ewropea f'termini ta' aċċelerazzjoni u semplifikazzjoni tal-proċeduri ta' rikonoxximent; jargumenta, madankollu, li l-introduzzjoni ta' kwalunkwe tessera trid tkun preċeduta minn valutazzjonijiet tal-impatt rigorużi u studji ta' evalwazzjoni dettaljati u ttiprovdi protezzjoni tad-data adegwata għall-professjonisti; huwa wkoll tal-fehma li l-IMI tista' tiffaċilita kooperazzjoni eħfef bejn l-Istat Membru emittenti (li jkun l-Istat li minnu telaq il-professionista) u l-Istat Membru riċeventi (il-pajjiż fejn il-professionista qiegħed ifittex li jistabbilixxi ruħu);
25. Jirrimarka li l-użu tat-tessera professionali Ewropea huwa opportun anki għall-professionijiet li għalihom ma jeżistux rekwiżiti minimi ta' taħriġ fil-livell tal-UE u li għaldaqstant mhumieħ soġġetti għal rikonoxximent awtomatiku; iqis f'dan ir-rigward li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod koġunt ir-rekwiżiti li biħsiebhom jimponu f'dak li għandu x'jaqşam mal-kwalifiki professjonali u l-miżuri ta' kumpens li se jgħaddu

minnhom il-professjonisti ta' Stati Membri oħrajn;

26. Jirrimarka li għad hemm disparitajiet kbar bejn is-sistemi ta' edukazzjoni fl-Istati Membri; huwa tal-fehma, għalhekk, li għal dak li jirrigwarda t-tul ta' żmien minimu ta' skola meħtieġ għal ċertu taħriġ, jeħtieġ ukoll jitqiesu perjodi ġeneralment segwiti fl-iskejjel professjonali fil-qafas ta' sistemi ta' taħriġ b'alternanza;
27. Hu assolutament kontra l-fatt li l-kodiċi tal-kondotta tkun restrinġenti ġuridikament, sa fejn il-karattru mhux restrinġenti jippermetti lill-Istati Membri jimplementaw mingħajr xkiel il-proċeduri ta' rikonossiment;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel reviżjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/36/KE biex jitnaqqas l-għadd ta' professjonijiet regolati, sabiex tkun permessa iktar flessibbiltà fil-proċeduri ta' rikonossiment, bidla fil-proċeduri burokratiċi ta' rikonossiment abbażi tar-riferimenti akkademiċi biss u pass 'il quddiem lejn rikonossiment ġenerali tal-kwalifiki;
29. Jenfasizza li, biex ikun hemm kumpens għad-disparitajiet kbar fit-taħriġ, l-Istati Membri għandhom ikompli jimponu miżuri ta' kumpens, inkluż b'mod partikolari perjodi ta' adattament;
30. Jenfasizza bil-qawwa li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali ma tistax twassal li tħassar, għal dak li jirrigwarda l-professjonijiet regolati, in-notifika ta' applikant li jmur jgħix fi Stat Membru ieħor biex jipprovdi servizzi għall-ewwel darba; meta jkun magħruf li l-kontroll tal-attivitajiet professjonali jistgħu jiġu kompromessi b'mod serju;
31. Jindika li l-proċess ta' Bolonja għandu jitħaffef, billi jintesew ostakli żgħar u jingħelbu ostakli irrilevanti biex b'hekk ikun żgurat proċess li jaħdem sew;
32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinnutaw li, sabiex jinħoloq suq intern reali tal-professjonisti, hu meħtieġ ir-rikonossiment ta' ċertifikati u kwalunkwe prova oħra ta' kwalifiki formali, bl-istess mod bħar-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali, peress li sabiex wieħed ikun jista' jokkupa postijiet ta' responsabbiltà ċivili jew fis-servizzi pubbliċi, il-prova ta' kwalifika formali l-ewwel trid tiġi approvata minn awtorità kompetenti;
33. Jindika li l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE teħtieġ id-definizzjoni ta' lista ta' ċertifikati jew kwalunkwe prova oħra ta' kwalifiki formali li huma rikonossuti f'tal-inqas Stat Membru wieħed iżda jkunux rikonossuti fi Stati Membri oħra; iqis li din il-lista għandu tikkontempla wkoll il-każijiet ta' ċittadini ta' Stat Membru li jkunu studjaw f'università fi Stat Membru ieħor u d-diplomi tagħhom mhumiex rikonossuti fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.9.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 17 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, Milan Cabrnock, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Coffèrati, Tadeusz Cymański, Frédéric Daerden, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Marian Harkin, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Jelko Kacin, Ria Oomen-Ruijten, Antigoni Papadopoulou, Emilie Turunen, Cecilia Wikström, Tatjana Ždanoka